MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2013

Numru 182/2013

Il-Pulizija
(Spettur Jurgen Vella)
vs
Godfrey Scicluna

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 1001450 (M), akkuzat talli:

nhar it-2 ta' Gunju 2012 ghall-habta tas-1.00pm gewwa Triq Santa Monika, Rahal il-Gdid, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, b'vettura bin-numru ta' registrazzjoni BPM 605 u/jew GVM 515, involontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Raffaele Lugermo minn Rahal Gdid hekk kif iccertifika Dr V Attard tal-Isptar Mater Dei.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' u tigi deciza sommarjament, mhux opposta;
Semghet ix-xhieda;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;
Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta certu Raffaele Lughermo, ragel ta' 90 sena li l-prosekuzzjoni qed tallega sofra griehi ta' natura gravi konsegwenza ta' incident stradali, kawza li allegatament ntlaqat minn vettura misjuqa mill-imputat. Jinghad fit-tahrika li dan gara fit-2 ta' Gunju 2012 gewwa Triq Santa Monika, Rahal il-Gdid, ghall-habta tas-1.00pm. Jirrizulta li l-imsemmi Lughermo miet disa' xhur wara dan l-incident izda mhux b'kawza tal-istess. Difatti l-imputat hu akkuzat li 'sic et simpliciter' kkagunalu griehi ta' natura gravi.

Dwar il-fatti li jikkostitwixxu l-mertu tal-kawza , li jidher accertat huwa, li l-imputat, li jirrisjedi fl-akwati, kien qed ifittex post ta' parkegg. Kien qed jittransika Triq it-Tarzna u innota li kien ser jitbattal post fi Triq Santa Monika li taqsam l-imsemmija Triq it-Tarzna. ghamel biex jidhol f'dan il-parkegg izda kellu jistenna lis-sewwieq tal-vettura pparkeggjata tillibera l-post. Billi dik il-parti ta' Triq Santa Monika hi 'cul-de-sac' l-imputat waqaf fl-inkorcju kif jidher fl-iskizz, folio 29. L-anzjan inzerta qieghed jaqsam din il=-parti ta' Triq Santa Monika li fiha l-imputat kien ser jiddettregga l-vettura tieghu fl-ispazju li kien ser jigi liberu. Is-surgenta, WPS 167 Justine Grech, li nvestigat l-incident, fil-kors tax-xhieda taghha tghid li l-iskizz (folio 29) ghamlitu hi u jirrifletti ezatt dak li rrizultalha. Fatt dan ta' l-iskizz jikkonfermah PC 1554 (folio 30). Fil-kors tax-xhieda taghha l-ispettur tghid li l-vettura ma kellha assolutament ebda hsarat, mank xi brixx, lanqas kien hemm xi 'break marks' mal-art u lanqas kien hemm xi persuna li rat l-allegat incident isir. Fl-okkorrenza li saret minnha hi tirriproduci dak li stqarrilha l-imputat. Is-silt in kwistjoni testwalment ripodotta fi kliem l-imputat taqra: 'kont gej minn Dock Street u kont qed nirriversja ghal Triq Santa Monika ghaliex ftit qabel kont rajt wiehed hiereg minn din

it-triq u smajt BUM, u rajt ragel mill-meta ma' l-art. Il-vettura ma garrbet l-ebda hsarat u lanqas 'break marks' ma kien hemm indikat mal-art. Il-pulizija fil-presenza tan-nurses staqsiet lin-nies li kienu qeghdin jaghtu l-ghajnuna jekk kienux raw kif sehh l-incident, u kulhadd kien wiegeb fin-negattiv. Il-vettura involuta hija vettura tal-Gvern liema numru ta' registrazzjoni proprju huwa GVM 515, u meta il-pulizija ippruvat iddahhal (recte tidhol) fis-sistema, dan ma setax isir.'

Mill-atti tal-process jirrizulta li l-persuna li kienet ser thalli l-parkegg liberu hu certu Louis Gatt (folio 35) izda dan stqarr minn fuq il-pedana tax-xhieda li ma ra xejn, lanqas xi hoss minn tul ta' tlett karozzi li kienu qed jisseparawh mill-anzjan li rah 'mixhut f'nofs it-triq.'

Intant, kif gja ntqal, ma kien hemm hadd li ra x'setgha gralu l-anzjan. Tatina jew almenu sinjal ta' brixx fuq il-vettura tal-imputat ma kienx hemm, lanqas xi sinjal ta' marki ta' brakes tal-vettura. Li jemergi fic-cert mix-xhieda hu li l-anzjan spicca mal-art wara l-vettura tal-imputat, skond l-iskizz, li diversi xheda attestat l-esattezza, kemmxejn distakkat minnha, skont it-tabiba li mmedikatu u c-certifikat mediku minnha rilaxxjat (folio 78) minn 'severe bruising and hematoma u kellu xi fractures' (xhieda taghha folio 82) alimentati minn ritratti (folio 70).

L-imputat isostni li hu kien wieqaf u ma setax tajjar lill-anzjan. Mill-fatturi kollha riskontrati l-Qorti ma tirriavvisa ebda raguni ghala ghandha tiddiskosta minn din il-verzjoni moghtija mill-imputat.

Ghaldaqstant tiddeciedi li ma ssibx htija fl-imputat ghall-akkuzi diretti kontra tieghu u tilliberah.

A.M.Trigona
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------